# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 439/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Renald Micallef**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Renald Micallef, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 560775M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli: Minn Marzu 2014 sa April 2015 f'dawn il-Gzejjer naqas li jaghti lil Rachelle Micallef, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Settembru, 2015 li biha

sabet lill-imsemmi imputat Renald Micallef hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u ikkundannatu ghal tliet xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre il-Qorti ordnat lill-imputat ihallas is-somma ta' tlett elef u hames mitt Ewro, il-manteniment dovut, fi zmien sitt xhur mill-lum a tenur tal-Artikolu 28 H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Renald Micallef, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Ottubru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhud bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'zewg gravami. L-ewwel wiehed jidher li hu maqsum f'zewg ilmenti: id-decizzjoni tal-ewwel Qorti li tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni fic-citazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u li l-ewwel Qorti kellha tissolleva hi stess il-preskrizzjoni. Fit-tieni aggravju, l-appellant jilmenta mill-akkluzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali meta l-ewwel Qorti ordnat korrezzjoni tac-citazzjoni.;

2. Ezaminati l-atti processwali jemergi illi l-appellant kien l-ewwel mharrek biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Seduta tal-Familja) ghat-3 ta' Gunju 2015 bl-imputazzjoni li kien naqas li jaghti lill Rachelle Micallef is-somma iffissata mill-Qorti bhala manteniment ghall-uliedu ghax-xahar ta' Frar 2015. Dak in-nhar l-appellant ma deherx minkejja li debitament notifikat u ghalhekk inhareg kontra tieghu mandat t'arrest ghas-seduta tas-6 ta' Lulju 2015. L-appellant deher ghal din is-seduta sprovvist mill-avukat difensur tieghu li hamest ijiem qabel kien preventivament intavola rikors ghal differiment ghal raguni ta' safar;

3. F'dik is-seduta l-kwerelanta talbet korrezzjoni tac-citazzjoni u l-Qorti laqghet it-talba. Il-verbal tal-udjenza ma jghidx f'hiex kienet tikkonsisti t-talba ghall-korrezzjoni u anqas kif kellha tkun finalment korretta. Madankollu fuq il-komparixxi originali hemm imhassra il-kliem "Xahar ta' Frar 2015" u minfloku ddahhal il-kliem "Minn Marzu 2014 sa April 2015" + Artikolu 18 Kap 9". L-ewwel Qorti ordnat li tinhareg tahrika gdida kif ukoll li l-appellant ikun notifikat seduta stante "bil-korrezzjonijiet u tahrika gdida kif korretta". Din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-Ewwel Qorti ordnat li l-imputat ikun notifikat b'tahrika li b'ordni tal-istess Qorti kellha tinhareg mill-gdid u li ghalhekk kienet ghadha lanqas biss stampata. L-appellant izda ma ressaq ebda ilment in rigward u ghalhekk dan l-argument mhux ser ikun kunsiderat oltre.

4. Sussegwentement inharget citazzjoni gdida bl-imputazzjoni li l-appellant naqas milli jaghti dak il-manteniment minn Marzu 2014 sa April 2015 liema perjodu allura ikopri dak ta' Frar, 2015. Din il-Qorti tosserva illi ic-citazzjoni l-gdida ma nkwadratx ir-reat bhala wiehed kontinwat fit-termini tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali;

5. L-appellant jikkontendi illi la darba huwa ircieva c-citazzjoni kif korretta f'Gunju 2015, l-imputazzjoni hija preskritta fejn tkopri perjodi qabel Jannar 2015. Huwa jabbina dan l-argument ma' dak li l-ewwel Qorti ma kellha qatt takkorda korrezzjoni meta b'hekk inkludiet perjodi tar-reat li kienu preskritti;

6. Ir-reat kontemplat fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali huwa wiehed istantaneju sakemm ma jkunx hemm l-elementi tal-kontinwat skond l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali. F'dak il-kaz ir-reat huwa preskritt wara sitt xhur mill-iskadenza tal-hmistax-il jum li fih kellu jsir il-hlas. Fil-kaz tar-reat kontinwat, l-preskrizzjoni ta' sitt xhur tibda tiddekorri mill-ahhar tal-hmistax –il jum li fih kien obbligat ihallas dak il-manteniment. Fil-kaz odjern, ic-citazzjoni kif korretta tipotizza n-nuqqas tal-appellant xahar wara xahar li jghaddi l-manteniment. Il-prosekuzzjoni ma inkwadratx l-agir tal-appellant bhala reat kontinwat u ghalhekk l-appellant ghandu ragun meta jghid li dak kollu li sehh qabel Jannar 2015 ikun kolpit bil-preskrizzjoni. Ghalhekk ukoll ikun inutili li din il-Qorti tinoltra fuq il-kwistjoni jekk l-ewwel Qorti setghetx tordna l-korrezzjoni tac-citazzjoni. Tajjeb ghamlet l-ewwel Qorti, izda, li ddiferiet il-kawza ghaliex la darba l-korrezzjoni kienet biddlet sew il-fatti, l-appellant b'hekk inghata zmien sabiex ikun jista' jhejji ghad-difiza tieghu;

7. Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex taghmel konsiderazzjonijiet fil-mertu ghal dak li jirrigwarda nuqqas ta' hlas ta' manteniment minn Jannar 2015 sa April 2015. Il-kwerelanta xehedet illi l-appellant kien tenut jghaddilha €700 kull xahar ghall-manteniment ta' uliedhom. Meta s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu ppegjorat, beda jhallas biss €450 sakemm rega gie fuq saqajh u wara April 2015 rega beda jhallas l-ammont shih. L-ilment tal-kwerelanta

ghalhekk huwa limitat ghan-nuqqas ta' hlas ta' €250 kull xahar. Il-kwerelanta ezebiet dokument fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2015 izda dan ma jinsabx in atti u la darba kien prezentat *animo ritirandi* prezumibilment irtirat l-istess wara s-seduta. Fir-rikors tal-appell tieghu, izda, l-appellant ikkonferma bhala fatt illi skond digriet tal-Qorti huwa ghandu jhallas lill-kwerelanta somma ta' €700 fix-xahar bhala manteniment ghall-uliedhom. La darba huwa palezi bejn il-partijiet li hemm dik l-ordni tal-Qorti, allura ma hemmx htiega ta' prova ohra;

8. Mid-deposizzjoni tal-kwerelanta jirrizulta pruvat 'l hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-appellant naqas milli jghaddi l-manteniment <u>shih</u> ghax-xhur ta' Frar, Marzu u April 2015 u dan fl-ammont ta' €250 kull xahar;

9. Fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jillanja d-decizzjoni tal-ewwel Qorti li tibdel l-imputazzjoni originali dwar nuqqas ta' hlas ta' manteniment ghall-xahar wiehed f'diversi xhur, uhud minnhom preskritti, u dan billi kwalifikathom bhala reat kontinwat taht l-artikolu 18 Kap 9. L-appellant m' ghandux ragun in rigward ghaliex kif gia osservat *supra*, l-appellant qatt ma kien imputat bl-agir tieghu bil-kwalifika tar-reat bhala wiehed kontinwat;

10. Ghalhekk l-appellant ghandu ragun in parti u din il-Qorti ser tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati talli naqas milli jghaddi s-somma iffissata mill-Qorti ghall-manteniment ta' uliedu ghax-xhur minn Marzu 2014 sa April 2015 kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-prigunerija ta' tliet xhur sospizi ghall-sentejn fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u fl-ordni li jhallas s-somma ta' €3500 fi zmien sitt xhur Art 28H Kap 9 u <u>minflok</u> , wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, issibu hati talli naqas milli jghaddi s-somma iffissata mill-Qorti bhala

manteniment ghall-uliedu ghax-xhur minn Jannar 2015 sa April 2015. Tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 u fit-termini tal-artikolu 24 tal-istess Kap, tordna lill-appellant ihallas lill-kwerelanta s-somma ta' €1000 (€250 minn Jannar sa April 2015), fi zmien sitt xhur;

11. Il-Qorti ghaddiet biex tfisser fi kliem car l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza.